**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta’ Mejju 2023**

Rikors Numru: 183/23 AL

A B C

vs

D B C

(M.R. Numru 2171/2007)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewgu fit-tlieta (3) ta' Novembru elfejn u sebgħa (2007) registrat bin-numru progressiv elf disa' mija tlieta u disghin zbarra elfejn u sebgħa (1993/2007) (Dok A) u minn dan iz- zwieg twieled tifel E fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) li llum għandu hdax-il sena.
2. Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor David Borg fis- sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u

tmintax (2018) (DOK B); Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom hajja totalment separata minn xulxin;

3. Illi m'hemm ebda kwistjonijiet fuq hlas ta' manteniment bejn il-partijiet għaliex il-partijiet iddekadew minn dan id-dritt;

4. Illi r-rikorrenti fil-kuntratt ta' separazzjoni obbliga ruhu jhallas tlett mitt Ewro (€300) lill-intimata ghat-tifel minuri E, liema manteniment jizdied kull sentejn skont ir-rata ta' inflazzjoni u m'hemm ebda kwistjonijiet fuq ħlas ta' manteniment.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad- divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha neċessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' April 2023;

Semgħet lill-intimata prezenti fl-awla li fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m'ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Mejju 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.